

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għażla ta' esperti wara r-riżenja ta' membru tal-grupp ta' esperti dwar l-akkwist pubbliku magħmul minn partijiet interessati tal-Kummissjoni**

(2013/C 301/04)

Bid-Deċiżjoni tat-3 ta' Settembru 2011 <sup>(1)</sup> (id-Deċiżjoni), il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti magħmul minn partijiet interessati dwar l-akkwist pubbliku. Dan il-grupp ta' esperti jissostitwixxi l-kumitat konsultattiv ta' qabel dwar il-liberalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 1987 <sup>(2)</sup>. Il-kompitu tal-grupp huwa li jipprovi lill-Kummissjoni b'fehim u b'għarfien esperti legali, ekonomiku, tekniku u/jew prattiku ta' kwalità għolja biex jgħinha tfassal il-politika tal-akkwist pubbliku tal-UE.

Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, il-grupp tal-esperti għandu jkun fiha 20 membru. Sitt membri se jintgħażlu skont il-kapaċità personali ta' għom u se jaġixxu indipendentament u fl-interess pubbliku. Il-membri l-oħra jistgħu jinħatru biex jirrappreżentaw interess komuni li jkun rilevanti fil-qasam tal-akkwist pubbliku jew biex jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet f'sens wiesa'.

Fis-6 ta' Lulju 2012, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Suq Intern u Servizzi ħatar 20 membru tal-grupp b'mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded. Wara r-riżenja ta' wieħed mill-membri, is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin jagħmlu sejħa għal applikazzjonijiet bil-għan li jintgħażel membru ġdid tal-grupp skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni qed tfittex esperti b'esperjenza diretta fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi, jew minħabba l-pożizzjoni tiegħu fil-katina tal-provvista, min-naħa tal-għoti, jew minħabba li jkollu kuntatti regolari jew esperjenza fil-qasam tal-akkwist. Hu/hi tista' tkun esperti mid-dinja kummerċjali, inklużi l-SMEs, l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet kontraenti, il-qasam akkademiku, avukat, ekonomist, esperti tal-istatistika jew oħrajn.

Fil-każijiet kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni ser iqisu l-kriterji li ġejjin meta jivvalutaw l-applikazzjonijiet:

- kompetenza u esperjenza ppruvati, inkluż fil-livell Ewropew u/jew internazzjonali, foqasma rilevanti għall-akkwist pubbliku, speċjalment:
  - esperjenza prattika fl-applikazzjoni ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku,
  - ħolqien ta' Sħubijiet Pubbliċi Privati (PPP) u Sħubijiet Pubbliċi Privati Istituzzjonalizzati (IPPP) u konċessjonijiet fit-tul u kumplessi ħafna,
  - kooperazzjoni/relazzjonijiet pubbliċi bejn muniċipalitajiet, entitajiet pubbliċi u korpi rregolati bil-liġi pubblika,
  - il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-offerti pubbliċi,
  - aspetti ambjentali u soċjali tal-akkwist pubbliku,

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2011 li tistabbilixxi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku magħmul minn partijiet interessati u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 87/305/KEE li tistabbilixxi kumitat konsultattiv dwar il-liberalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku (ĠU C 291, 4.10.2011, p. 2).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 1987 li tistabbilixxi kumitat konsultattiv dwar il-liberalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku (87/305/KEE) (ĠU L 152, 12.6.1987, p. 32).

- akkwist elettroniku, partikolarment fil-fażi ta' qabel l-għoti,
  - analiżi ekonomika tas-swieq tal-akkwist pubbliku,
  - relazzjoni bejn l-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni/l-għajnuna mill-istat,
  - dimensjoni internazzjonali tal-akkwist pubbliku,
  - innovazzjoni u l-akkwist pubbliku,
  - akkwist fil-qasam tad-difiża u sensitiv għas-sigurtà,
- u aktar ġeneralment:
- leġiżlazzjoni tal-akkwist nazzjonali, Ewropea, u internazzjonali;
- il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ fi ħdan il-grupp f'termini ta' rappreżentanza tal-interessi u l-għarfien esperti rilevanti fil-qasam tal-akkwist, u f'termini ta' ġeneru u oriġini ġeografika <sup>(3)</sup>.

Il-membri tal-grupp ta' esperti jridu jkunu persuni ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiż li se jissieħeb jew minn Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea. L-applikazzjonijiet iffirmati jridu jintbagħtu (sa 23 jum) l-aktar tard. Id-data meta jintbagħtu se tiġi stabbilita kif ġej:

- (a) Jekk l-applikazzjonijiet jintbagħtu bil-posta elettronika, id-data tal-ittra elettronika se tkun id-data ta' meta ntbagħtet. L-applikazzjonijiet bil-posta elettronika jridu jintbagħtu lil Markt-c2@ec.europa.eu bis-suġġett "Applications for stakeholder expert group on PP" (applikazzjonijiet għall-grupp ta' esperti tal-partijiet interessati dwar l-akkwist pubbliku).
- (b) Jekk l-applikazzjonijiet jintbagħtu bil-posta, il-marka postali se titqies bħala d-data ta' meta ntbagħtet. L-indirizz postali għall-applikazzjonijiet huwa

European Commission, DG Internal Market and Services  
Rue de Spa 2/Spastraat 2  
Office 05/053  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Suġġett: "Applications for stakeholder expert group on PP" (applikazzjonijiet għall-grupp ta' esperti tal-partijiet interessati dwar l-akkwist pubbliku).

- (c) Jekk l-applikazzjonijiet jitwasslu bl-idejn fl-indirizz indikat hawn fuq, id-data fuq l-irċevuta li tingħata mat-twassil se titqies bħala d-data li ntbagħtu fiha.

Il-laqgħat tal-grupp se jsiru bl-Ingliż jew(u) bil-Franċiż. Għalhekk, għal raġunijiet prattiċi, l-applikant irid jkun kapaċi jesprimi ruħu sew f'waħda minn dawn il-lingwi, u jkollu mill-inqas fehim passiv profiċjenti tagħhom it-tnejn. L-applikazzjonijiet iridu jimtlew bl-Ingliż jew bil-Franċiż u jindikaw biċ-ċar in-nazzjonalità tal-applikant u jinkludu d-dokumentazzjoni meħtieġa.

L-applikanti kollha jridu jissottomettu kurrikulu li jindika l-isfond edukattiv tagħhom, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi (attiv u passiv). Għandha tingħata wkoll l-informazzjoni li ġejja:

- l-awtorità/l-organizzazzjoni li għaliha l-applikant kien jaħdem u t-tul ta' żmien li hu/hi ħadem/ħadmet hemm,
- il-proġetti speċifiċi u/jew il-kompiti li kien/kienet involut(a) fihom u li huma ta' rilevanza speċjali fil-qasam tal-akkwist,
- kwalunkwe xogħol li hu/hi ppubblika(t) fil-qasam tal-akkwist,
- kwalunkwe esperjenza li hu/hi għandu/ħa fil-livell tal-UE u internazzjonali, u
- kwalunkwe interess li hu/hi għandu/ħa, li jista' jippreġudika l-indipendenza tiegħu jew tagħha.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jirriżervaw id-dritt tagħhom li jitolbu għal kwalunkwe dokument ta' sostenn fi stadju aktar tard, u li jissostitwixxu kwalunkwe membru li jkun ipprova dikjarazzjonijiet mhux preċiżi jew foloz fir-rigward tal-informazzjoni ta' hawn fuq.

Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni, il-membri kollha tal-grupp għandhom jipparteċipaw attivament fil-laqgħat u fil-preparazzjoni u s-segwitu tagħhom, kif ikun meħtieġ. Il-laqgħat tal-grupp huma mistennija li jseħħu mill-inqas darbtejn fis-sena.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/407/KE tad-19 ta' Ġunju 2000 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fil-kumitati u l-gruppi tal-esperti stabbiliti minnha (ĠU L 154, 27.6.2000, p. 34).

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jagħżlu l-membri tal-grupp għal perjodu li fadal mill-mandat ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba. Il-membri għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-kunfidenzjalità stipulati fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi dan il-grupp ta' esperti <sup>(4)</sup>. Il-membri maħtura fil-kapaċità personali tagħhom iridu jimpenjaw ruħhom li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku.

Il-Kummissjoni se trodd lura l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-grupp skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni, fi ħdan il-limiti tal-baġit disponibbli. Il-membri mhux se jirċievu rimunerazzjoni għad-doveri tagħhom.

Il-lista tal-membri tal-grupp ta' esperti se tiġi ppubblikata fir-Reġistru tal-gruppi tal-esperti <sup>(5)</sup>.

Id-dejta personali ser tinġabar, tiġi pproċessata u ppubblikata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 <sup>(6)</sup>.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja

lis-Sur De Wulf, lis-Sinjura Szalai jew lis-Sinjura Laszuk

Tel. +32 22999409

Posta elettronika: Markt-c2@ec.europa.eu

L-informazzjoni dwar ir-riżultati tas-sejħa tal-applikazzjonijiet ser tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku tad-DĠ MARKT u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>(4)</sup> Ara n-nota fqiegħ il-paġna Nru 1.

<sup>(5)</sup> Il-membri li ma jixtiqux li isimhom jiġi ddivulgat jistgħu japplikaw għal deroga minn din ir-regola. Talba biex ma jiġix iddivulgat l-isem ta' membru ta' grupp espert titqies ġustifikata jekk il-pubblikazzjoni tista' tipperikola s-sigurtà jew l-integrità tal-membri jew tippreġudika b'mod mhux xieraq il-privatezza tiegħu jew tagħha.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).